# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Rikors Numru: 300/2018 RM**

**Onor. Rosianne Cutajar**

**-vs-**

**Godfrey Leone Ganado**

**Illum, 24 ta' Settembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Novembru 2018 fejn talbet lil din il-Qorti tiddikjara illi l-konvenut, permezz ta' *post* fuq il-pagna tal-*Facebook* tieghu datata l-20 ta' Novembru, 2018, (kopja annessa u mmarkata bhala Dok RC1), immalafama lill-attrici ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 579 tal-Ligijiet ta' Malta; tikkundanna lil konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kap 579 tal-Ligijiet ta' Malta; u tordna lil konvenut sabiex ai termini tal-Artikolu 14 tal-Kap 579 inehhi d-dikjarazzjoni ossija l-post mertu ta' dina l-kawza mis-sit elettroniku in kwistjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut Godfrey Leone Ganado li gietipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Jannar 2019, bis-segwenti eccezzjonijiet:-

*"Illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-'post' citat mhuwiex malafamanti u anke jekk jista' jitqies malafamanti ghandu jkun ikkunsidrat bhala 'fair comment' fil-kuntest tal-imgieba tar-rikorrenti b'riferenza partikolari ghal pubblikazzjonijiet precedenti dwarha u/jew minnha u/jew bil-kunsens taghha, kif jigi muri jekk ikun il-kaz waqt is-smiegh.*

*Illi l-'post' in kwistjoni jaqra: "However, HAMALLI, prostitutes and call girls, have a right to be represented in Parliament" u l-esponent hu perpless kif li jinghad illi individwi li jigu deskritti b'dan il-mod ghandhom dritt ikunu rapprezentati fil-Parlament jista' jikkostitwixxi malafama. Fi kwalunkwe kaz, l-emfazi hi fuq il-kelma 'hamalli', illi tista' titqies pegorattiva imma zgur mhux malafamanti.*

*Illi fir-rigward ghat-talba ghat-thassir tal-'post', il-pozizzjoni tal-esponent hi rizervata kemm fil-kuntest tal-kostituzzjonalita' ta' tali talba kif ukoll ghal dak li hu l-impossibilita' tal-istess fl-ambjent teknologiku ezistenti.*

*Bl-ispejjez."*

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat id-digriet moghti waqt l-udjenza tas-7 ta' Marzu 2019 li permezz tieghu gie awtorizzat li l-provi migjuba f'din il-kawza jkunu jghoddu wkoll bhala prova ghall-finijiet tal-kawza Rikors Numru 299/18 RM;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tat-23 ta' Jannar 2020;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Id-dikjarazzjoni allegatament malafamanti li tinsab fil-mira ta' din l-azzjoni u illi l-attrici hassitha malafamata biha, hija dik li saret mill-konvenut Godfrey Leone Ganado fuq il-pagna tal-Facebook tieghu fl-20 ta' Novembru 2018 fejn huwa tella' s-segwenti *post*:-

"*This is the standard of what should be honourable in Parliament. However, HAMALLI, prostitutes and call girls, have a right to be represented in Parliament.*"

Dan il-*post* kien akkumpanjat b'riproduzzjoni ta' artikolu li evidentement deher fuq xi sit elettroniku lokali tal-ahbarijiet (mhux identifikabbli) intestat "*Il-Kummissarju jindahal biex Sindku Laburista taqbez il-kju tal-Gozo Channel*" liema artikolu kien fih ritratt tal-attrici[1].

Kif appena nghad, l-istqarrija allegatament malafamanti mertu ta' din il-kawza, fuq riprodotta, saret permezz ta' *post* imtella' mill-konvenut fuq il-pagna tal-Facebook amministrata minnu stess. Dan m'huwiex kontestat mill-konvenut u lanqas ma huwa kontestat illi l-istqarrija fuq riprodotta hija marbuta direttament mal-artikolu li gie pubblikat dwar episodju li fih il-Kummissarju tal-Pulizija allegatament intervjena personalment sabiex l-attrici, li dak iz-zmien kienet is-

[1] Kopja stampata tal-post relevanti mill-pagna tal-Facebook tal-konvenut giet esebita flimkien mar-Rikors promotur a fol. 2, u bhala Dok. RC2, fol. 13.

Sindku Laburista ta' Hal Qormi, taqbez il-kju tal-vetturi li kienu qed jistennew biex jitilghu fuq il-vapur tal-Gozo Channel.

L-attrici fix-xhieda taghha fissret kif hija hassitha malafamata meta l-konvenuta ghajjarha li hija tirrapprezenta lill-prostituti fil-Parlament. L-attrici fissret illi bil-kliem tal-konvenut hija hassitha imzebilha bhala mara ghaliex hija persuna li studjat, tghallmet, tahdem u taghti l-energija kollha taghha biex taghti servizz lil pajjizha. Qalet ukoll illi ghaliha huwa ovvju illi l-awtur ta' dawk l-istqarrijiet ma kienx qed jghid li hija prostituta politika ghaliex kieku kien jghidha specifikatament, u f'kull kaz hija qatt ma agixxiet b'dak il-mod wisq inqas bhala persuna politika b'xi intenzjoni partikolari[2]. L-attrici cahdet ukoll, waqt ix-xhieda taghha, illi bl-agir taghha u bl-interventi politici li taghmel fil-Parlament, hija tirrapprezenta l-prostituti fil-Parlament. Hi hasset li b'hekk hija giet mghajra li hija prostituta. L-attrici taqbel illi f'intervista li hija tat lill-gurnalist Raphael Vassallo[3] hija ddiskutiet il-kwistjoni tar-regolarizzazzjoni tal-prostituzzjoni f'Malta, izda cahdet li hija qatt kellmet dwar dan is-suggett fil-Parlament.

Id-difiza tal-konvenut hija illi l-kontenut tal-*post* in dizamina m'huwiex malafamanti u f'kull kaz, ghandu jitqies bhala *fair comment* fl-isfond tal-imgieba tal-attrici, b'referenza partikolari ghal pubblikazzjonijiet precedenti dwarha jew minnha stess. Skont il-konvenut, huwa ghamel enfasi biss fuq il-kelma "HAMALLI", liema kelma ma tistax titqies bhala malafamanti ghalkemm tista' titqies bhala pegorattiva.

Il-konvenut jirrikonoxxi illi l-istqarrija tieghu saret b'referenza ghal-attrici[4] u fix-xhieda tieghu fisser illi huwa kiteb hekk ghaliex hass illi fil-Parlament kull grupp ghandu jigi rapprezentat, inkluz il-prostituti. Qal ukoll li huwa sema' lill-attrici fuq it-television waqt l-interventi taghha fil-Parlament u fil-fehma tieghu "*il-mod kif jitkellmu huwa mod assolutament hamallu*". Fisser li huwa uza l-kelma

[2] Fol. 26 300/18
[3] Dok. GLG1. Intervista li nghatat f'Awwissu 2017.
[4] Xhieda 7 ta' Marzu 2019, fol. 15.

"*hamalli*" mhux biss fil-konfront tal-attrici izda b'referenza ghal "*tliet kwarti tal-Parlament*".

Rigward il-kliem "*prostitutes and call girls*" li huwa uza fl-istqarrija tieghu, il-konvenut spjega illi r-referenza li huwa ried jaghmel hija ghal "*political prostitutes*" u dan ghaliex fil-fehma tieghu "*il-maggoranza tal-membri tal-Parlament fuq in-naha tal-Gvern jien nikklassifikahom bhala political prostitutes ... ghaliex dawk barra li jithallsu l-onorarja taghhom, dawna kollha qeghdin jinghataw impjiegi ohra biex jaghqlu halqhom u fil-Parlament jghidu dak li jigu dettati ... and to me that is nothing more than constituting yourself into a political prostitute.*"

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi huwa manifest illi r-referenza fl-istqarrija impunjata, ghal "*HAMALLI, prostitutes and call girls*", saret b'referenza specifika ghall-attrici u tqis li hija pjuttost fjakka l-verzjoni tal-konvenut li, waqt ix-xhieda tieghu, fisser li hawnhekk huwa ried jirreferi ghall-maggoranza tal-membri parlamentari tal-Gvern. Wara kollox, l-episodju[5] li huwa ghazel li jallaccja specifikatament mal-istqarrija tieghu u li jifforma l-oggett tal-artikolu riprodott, jirrigwarda unikament l-attrici u hadd iktar. Ma saret ebda referenza ghal xi membru iehor parlamentari fl-artikolu riprodott mill-konvenut bhala parti mill-istqarrija tieghu u f'kull kaz, anke mill-prominenza li nghatat lir-ritratt tal-attrici riprodott fl-istess *post*, huwa evidenti ghall-qarrej ordinarju kif ukoll ghall-Qorti, illi hija l-attrici biss li tinsab fil-mira tal-istqarrija tal-konvenut.

Ghal din l-istess raguni, huwa ftit spjegabbli kif il-konvenut jistenna li l-qarrej ordinarju jifhem li bl-istqarrija tieghu huwa ried jghid li l-maggoranza tal-membri parlamentari fuq in-naha tal-Gvern huma prostituti politici ghaliex jinghataw impjegi b'salarji minghand il-Gvern ghal xi skop politiku. Il-Qorti tqis

[5] L-episodju rigward il-Gozo Channel.

illi kieku verament il-konvenut ried iwassal il-messagg minnu mfisser fix-xhieda tieghu dwar il-prostituzzjoni politika li fil-fehma tieghu jipprattikaw l-attrici u membri ohrajn tal-Gvern, dan kien jghidu espressament mhux billi jipprezenta lill-qarrejja tal-*post* tieghu, ritratt u artikolu li jikkoncernaw biss lill-attrici.

Stabbilit ghalhekk li r-referenza li saret fl-istqarrija in kwistjoni ghall-istandards fil-Parlament u ghar-rapprezentant tal-"*HAMALLI, prostitutes and call girls*", hija ghall-attrici, il-Qorti trid tghaddi sabiex tiddetermina jekk il-*post* imtella' mill-konvenut, fl-assjem tieghu kif ukoll permezz tal-kliem individwali uzati fl-istqarrija b'referenza ghall-attrici, huwiex malafamanti fil-konfront tal-istess attrici.

Il-konvenut isostni illi l-istqarrija tieghu m'hijiex malafamanti u fi kwalsiasi kaz, anke jekk ghandha titqies bhala malafamanti, din tikkostitwixxi *fair comment*. Il-Qorti tosserva illi din id-difiza ta' *fair comment*, ghalkemm kienet prospettata espressament fil-Kap. 248, ma gietx trasposta fil-ligi l-gdida li sostitwiet l-Att dwar l-iStampa ghaliex l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579)[6] biddel in-nomenklatura tad-difiza ta' *fair comment* biex issa hija maghrufa minflok bin-nomenklatura tad-difiza tal-"*opinjoni onesta*". Din id-difiza hija regolata b'diversi disposizzjonijiet mill-Artikolu 4(2) u huma applikabbli ghaliha kritjeri differenti minn dawk li kienu jirregolaw id-difiza tal-*fair comment* taht il-Kap. 248. Fi kwalsiasi kaz, anke biex tkun gusta mal-konvenut, il-Qorti sejra tittratta l-eccezzjoni tal-konvenut ta' *fair comment* bhala difiza ta' opinjoni onesta a tenur tal-imsemmi Artikolu 4(2) tal-Att.

Ikkunsidrat;

Illi huwa manifest illi l-*post* in kwistjoni ma huwiex stqarrija ta' fatt izda kumment, ossia dikjarazzjoni ta' opinjoni fejn, ghalkemm mhuwiex mistenni illi

---

[6] Minn hawn 'il quddiem imsejjha "l-Att".

l-verita` tal-fatt tigi ppruvata, madanakollu jibqa' l-obbligu illi jintwera illi l-kumment huwa xprunat minn fatti li huma sostanzjalment veri. Fir-rigward, intqal hekk:-

*"... a careful distinction needs to be made between facts and value judgments. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value judgments is not susceptible of proof (see De Haes and Gijsels, cited above, p. 235, § 42, and Harlanova v. Latvia (dec.), no. 57313/00, 3 April 2003).*

*99. Admittedly, where allegations are made about the conduct of a third party, it may sometimes be difficult, as in the instant case, to distinguish between assertions of fact and value judgments. Nevertheless, even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it (see Jerusalem v. Austria, no. 26958/95, § 43, ECHR 2001-II)."*[7]

Skont l-Att, id-difiza ta' opinjoni onesta tista' titqajjem biss[8] meta l-persuna aggravata hija persuna pubblika entro t-tifsira moghtija mis-subartikolu (5), u fejn jigu sodisfatti l-kriterji l-ohrajn kollha elenkati fl-Artikolu 4(2) tal-Att. M'huwiex mehtieg, hlief f'kaz li jigi eccepit illi l-opinjoni giet ibbazata fuq fatt affermat f'dikjarazzjoni privileggjata, li jintwera li l-opinjoni giet espressa dwar materja ta' interess pubbliku.

Issa fil-kaz odjern, huwa manifest illi talanqas l-ewwel parti tal-istqarrija tal-konvenut "***This is the standard of what should be honourable in Parliament***", tammonta ghal dikjarazzjoni ta' opinjoni dwar l-episodju li gie rapportat mill-midja b'rabta mal-kaz fejn l-attrici, meta kienet ghadha tokkupa l-kariga ta' Sindku ta' Hal Qormi, allegatament intervjeniet mal-Kummissarju tal-Pulizija biex tithalla taqbez il-kju biex titla' fuq il-vapur ta' Ghawdex.

Fil-fehma tal-Qorti, b'din id-dikjarazzjoni tal-konvenut, meqjusa fl-isfond tar-ritratt tal-attrici u r-riproduzzjoni tal-artikolu pubblikat dwar l-imsemmi episodji koncernanti l-attrici, wiehed ragjonevolment jifhem illi dak li jrid jghid il-

[7] **Cumpănă and Mazăre v. Romania**; App. 33348/96, deciz 17 ta' Dicembru 2004.

[8] Subartikolu (3) tal-Artikolu 4.

konvenut huwa li ghalkemm fil-Parlament wiehed jistenna li l-komportament tad-deputati ikun "*honourable*", madanakollu l-imgieba tal-attrici fl-episodju rapportat, ma jilhaqx dan il-livell mistenni. Huwa ovvju li r-referenza li ghamel il-konvenut ghall-unur mistenni fl-istandards tal-Parlament, hija marbuta proprju ma' dan l-episodju tal-Gozo Channel. Il-messagg tal-konvenut huwa car: li l-imgieba tal-attrici f'dak l-episodju m'huwiex imgieba li wiehed jistenna minn persuna li bhala membru parlamentari, tissejjah "onorevoli".

Bla dubju l-attrici, li tieħu sehem attiv fil-politika, hija persuna pubblika u b'zieda ma' dan, il-fatti attribwiti lilha b'rabta mal-episodju tal-intervent tal-Kummissarju tal-Pulizija, evidentement sehhew meta hija diga' kienet tokkupa l-kariga ta' Sindku ta' Hal Qormi u ghalhekk kienet ukoll persuna pubblika ghall-finijiet tal-Artioklu 4(5) tal-Att. Jirrizulta wkoll, b'referenza ghall-htigijiet tal-Artikolu 4(2)(b) tal-Att, illi l-bazi tal-opinjoni tal-konvenut dwar l-istandards tal-membri Parlamentari - specifikatament l-istandards tal-attrici - hija indikata sufficjentement permezz tar-riproduzzjoni tal-artikolu dwar l-episodju tal-Gozo Channel. Inoltre, minn qari superficjali ta' dan l-artikolu, li evidentement kien gie ippubblikat precedentement f'*medium* tal-midja u sussegwentement imtella' mill-konvenut bhala parti mill-*post* impunjat, huwa manifest illi l-imputazzjoni maghmula hija li l-attrici uzat il-kariga pubblika taghha biex tikseb vantagg mhux xieraq ghaliha nnifisha.

Dan kollu jfisser illi l-materja li dwarha giet espressa l-opinjoni tal-konvenut, kienet relevanti b'rabta mal-funzjoni pubblika taghha u kwindi, izda sussidjarjament, hija materja ta' interess generali. Il-Qorti hija wkoll sodisfatta illi l-opinjoni tal-konvenut fir-rigward tal-istandard tal-unur fil-Parlament, hija opinjoni li persuna onesta setghet ikollha ghall-finijiet tas-subinciz (c) tal-Artikolu 4(2) tal-Att, u konsegwentement, l-espressjoni tal-fehma tal-konvenut dwar l-istandard ta' unur fil-Parlament, **safejn din hija intiza sabiex tigbed kuntrast bejn l-imgieba tal-attrici fl-episodju tal-Gozo Channel, u l-istandard ta' imgieba li skont il-konvenut huwa mistenni minn membru**

**Parlamentari li jissejjah "onorevoli"**, ghandha titqies li hija dikjarazzjoni ta' opinjoni li tissodisfa l-kriterji kollha ghas-success tad-difiza tal-opinjoni onesta. Ghaldaqstant, l-istqarrija tal-konvenut, kwantu ghall-ewwel parti taghha, ma tistax titqies bhala malafamanti fil-konfront tal-attrici.

Ikkunsidrat;

Il-konvenut, izda, ikompli jiddikjara wkoll illi f'kull kaz, minkejja l-istandard xejn onorevoli tal-imgieba tal-Onorevoli Membri Parlamentari, anke "***HAMALLI, prostitutes and call girls***" ghandhom dritt ikunu rapprezentati fil-Parlament. Il-qarrej ordinarju malajr jifhem li bl-innuendo tieghu, il-konvenut qed ifisser li r-rapprezentant ta' dawn il-"*HAMALLI, prostitutes and call girls*" fil-Parlament hija proprju l-attrici. Dan huwa evidenti mhux biss ghaliex l-attrici kienet membru Parlamentari fiz-zmien li ttella' l-*post* bl-istqarrija impunjata, izda wkoll ghaliex il-konvenut ghazel li jissostanzja l-istqarrija tieghu bir-riproduzzjoni ta' artikolu li jikkoncerna proprju l-attrici, fejn allegatament hija nghatat permess mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex taqbez il-kju biex titla' fuq il-vapur tal-Gozo Channel. Huwa evidenti wkoll mill-mod kif inhi mfassla l-istqarrija tal-konvenut, illi l-kategorija ta' persuni li l-konvenut isejjah "*HAMALLI, prostitutes and call girls*", tpoggew f'keffa iktar baxxa mill-istandard li l-konvenut jistenna li jkun il-kejl fil-Parlament, cioe` dak ta' "onorevoli".

Il-Qorti tqis li huwa evidenti li l-espressjoni "***However, HAMALLI, prostitutes and call girls have a right to be represented in Parliament***", tikkostitwixxi mhux stqarrija ta' fatt izda espressjoni ta' fehma jew dikjarazzjoni ta' opinjoni tal-konvenut. Stabbilit illi l-implikazzjoni ovvja ta' din l-espressjoni ta' opinjoni hija li l-attrici ghandha titqies li hija r-rapprezentant ta' din il-kategorija ta' persuni, il-Qorti trid tiddetermina jekk din l-espressjoni tal-opinjoni tal-konvenut tistax titqies bhala opinjoni onesta fit-termini tad-difiza kif regolata mill-Artikolu 4(2) tal-Att.

Ikkunsidrat;

Fil-kaz tal-kelma "HAMALLI" li l-konvenut evidentement ried jattribwixxi bl-iktar sahha lill-attrici permezz tal-uzu ta' ittri kbar, il-Qorti fehmet illi d-deskrizzjoni in kwistjoni saret b'rabta mal-mod kif l-attrici, li hija persuna pubblika b'sehem attiv fil-politika, tikkonduci ruhha.

Il-punt ta' tluq huwa dejjem illi persuna pubblika ghandha taccetta margini ferm iktar wiesa' ta' kritika milli individwu privat, anke fejn jidhlu kummenti li jistghu jitqiesu bhala offensivi.

Fid-decizjoni tal-istess Qorti fil-kaz ta' **Feldek v. Slovakia**[9], intqal hekk in propositu:-

*74. The Court further recalls that there is little scope under Article 10 § 2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest (see Sürek v. Turkey (no. 1) [GC], no. 26682/95, § 61, ECHR 1999-IV).* ***Moreover, the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his words and deeds by journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance*** *(see Lingens v. Austria, judgment of 8 July 1986, Series A no. 103, p. 26, § 42, or Incal v. Turkey, judgment of 9 June 1998, Reports 1998-IV, p. 1567, § 54).* [enfasi ta' din il-Qorti]

Evidentement, il-konvenut dehrlu li l-imgieba tal-attrici fl-episodju tal-vapur tal-Gozo Channel, kienet wahda mhux xierqa ghaliex hija assocjabbli ma' standards baxxi. Il-Qorti hija tal-fehma illi galadarba huwa ppruvat illi l-fatti msemmija fil-pubblikazzjoni dwar l-episodju tal-Gozo Channel, jipprovdu bazi fil-verita` ghall-fehma tal-konvenut li l-attrici hija rapprezentattiva tal-kategorija ta' "hamalli" fil-Parlament, din l-istqarrija ma tistax titqies bhala malafamanti fit-

[9] App. No. 29032/95, deciz 12 ta' Lulju 2001 ECHR.

termini tal-Att. Huwa minnu illi l-kelma uzata hija ftit jew wisq vulgari, izda zgur ma jikkostitwixxix attakk fuq l-istandards **morali** tal-attrici. Barra minn hekk, ma hemm xejn li jikkonvinci lill-Qorti li persuna onesta ma setghetx kellha l-istess opinjoni abbazi tal-pubblikazzjoni li giet riprodotta fil-*post* tal-konvenut, anke jekk ma huwiex car meta dik il-pubblikazzjoni kienet attwalment saret. Kif diga` stabbilit, il-materja tal-pubblikazzjoni, cioe` l-episodju tal-Gozo Channel, hija materja ta' interess generali u f'kull kaz, ma giex muri lill-Qorti illi l-episodju rrapportat mhux veru li gara jew li dak li gie rapportat m'huwiex minnu.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward, imbaghad, tad-dikjarazzjoni tal-konvenut illi l-attrici hija rapprezentattiva wkoll, ghad b'mod inqas prominenti, tal-**prostituti u *call girls* fil-Parlament**, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Kif diga` nghad, il-kritika tal-konvenut dwar l-imgieba tal-attrici ma saritx f'termini ta' prostituzzjoni politika. Il-messagg evidenti li jwassal il-konvenut bil-kumment tieghu huwa illi l-attrici, minhabba l-imgieba taghha fl-episodju tal-Gozo Channel u imgieba ohra li, skont l-istess konvenut, hija evidenzjata f'diversi pubblikazzjonijiet ohrajn dwar l-attrici[10], ghandha titqies bhala r-rapprezentant fil-Parlament tal-prostituti u *call-girls*. Fil-fehma tal-Qorti, b'din l-istqarrija, diversament mill-espressjoni "*hamalli*", il-konvenut jesprimi fehma li tikkritika wkoll l-istandards morali tal-attrici, ghaliex jattribwixxi lilha direttament rwol rapprezentattiv tal-prostituti, liema attivita`, anke f'socjeta` liberali bhalma hija s-socjeta` moderna Maltija, ghadha kkunsidrata bhala wahda illegali kif ukoll dizonorevoli. Konsegwentement, din id-dikjarazzjoni ta' opinjoni kif espressa mill-konvenut, hija kapaci titqies bhala malafamanti fil-konfront tal-attrici.

[10] Esebiti in atti mill-konvenut permezz ta' nota datata 30 ta' Ottubru 2019.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti ezaminat id-dokumenti esebiti mill-konvenut fl-atti, liema dokumenti fil-fehma tieghu jevidenzjaw imgieba da parti tal-attrici li tiggustifika l-espressjoni tal-fehma li bhala Deputat Parlamentari, hija tirrapprezenta l-prostituti u *call girls*. Madanakollu, il-Qorti wara li fliet l-atti, **ma rriskontrat ebda bazi soda fattwali li turi illi l-attrici agixxiet b'kondotta morali baxxa jew li kkonduciet ruhha b'manjiera indecenti jew promiskwu fuq livell sesswali**, la fl-episodju tal-Gozo Channel u lanqas f'xi okkazjonijiet ohrajn, b'mod li jiggustifika li tissejjah ir-rapprezentant tal-prostituti u *call-girls* fil-Parlament.

Dak li jirrizulta, effettivament, huwa li l-attrici kienet diversi snin qabel, irriklamat lilha nnifisha fuq sit elettroniku jismu giovani.it u dan taht l-isem "Nuxellina" u offriet servizzi ta' "*hostess*"[11]. Ir-referenza ghall-attrici bhala Nuxellina jirrizulta wkoll minn kopja stampata tas-sit http://gallery.giovani.it/utente/immagini. Ghalkemm il-konvenut Leone Ganado xehed illi dan is-sit elettroniku fih diversi ritratti ta' nisa prattikament gharwenin, il-Qorti ma rriskontrat ebda materjal ta' din ix-xorta la fuq dan is-sit u lanqas fid-dokumenti esebiti fl-atti. Effettivament kif qalet l-attrici, is-sit jidher li huwa wiehed b'kontenut u skop principalment edukattiv immirat ghall-uzu minn studenti Taljani ta' livelli varji fis-sistema edukattiva. Huwa minnu illi fost id-dokumenti esebiti mill-konvenut[12], jirrizulta li s-sit foto.giovani.it fih xi ritratti suggestivi ta' persuni li bosta minnhom jidher li huma personalitajiet maghrufa, izda l-Qorti ma rriskontrat l-ebda ritratt tal-attrici fuq dan id-dokument u lanqas fuq is-sit in kwisjtoni[13].

---

[11] Dan jirrizulta minn pubblikazzjoni li kienet saret fil-blog ta' Daphne Caruana Galizia bit-titolu *"Nuxellina the Hostess: Labour's new Qormi Mayor"*, datata 12 Marzu 2012

[12] Dok. 299/02 – Pakkett A.

[13] Jinghad ukoll illi ghalkemm minn Dok. 299/03 [Pakkett A] jirrizulta illi huwa minnu li l-attrici kienet tellghet diversi ritratti fuq dan l-istess sit bejn Marzu u Lulju 2012, dawn ir-ritratti kienu tnehhew u ma ghadhomx accessibbli u di pju`, ma hemm ebda prova dwar dak li kien muri f'dawn ir-ritratti.

Huwa minnu illi d-dokumenti esebiti[14] jindikaw li l-attrici kienet irreklamat li hija disponibbli bhala *hostess*, izda fil-fehma tal-Qorti dan ma jfissirx li l-attrici kienet qed tirreklama xi servizz bhala "*call-girl*", anke ghaliex is-sit huwa wiehed Taljan fejn il-kelma *hostess* ghandha tifsira ferm differenti minn dak li qed jipprova jpingi l-konvenut[15]. F'kull kaz, il-kelma *hostess* ma hijiex fil-fehma tal-Qorti, sufficjenti sabiex tipprovdi bazi fattwali soda ghall-espressjoni ta' xi fehma li tattribwixxi lill-attrici r-rapprezentazzjoni fil-Parlament tal-prostituti u *call-girls* fil-Parlament. Il-kliem "*prostitutes and call-girls*" joholqu implikazzjonijiet ferm iktar dispreggjattivi u ta' dizunur mill-uzu tas-semplici kelma *hostess* f'xi pagna tal-midja socjali Taljana tal-attrici. Barra minn hekk, meta xehdet in kontro-ezami, l-attrici cahdet illi hija qatt irreklamat lilha nnifisha jew lil gisimha ghal xi servizzi ta' *hostess*[16].

Il-konvenut ipproduca wkoll bhala prova fl-atti, pubblikazzjoni ohra li saret fuq il-blog ta' Daphne Caruana Galizia fil-5 ta' Dicembru 2013, fejn saret referenza ghall-profil tal-attrici fuq network socjali bl-isem badoo.com. Huwa ovvju illi dan is-sit apparti li huwa wiehed socjali huwa intiz bhala *dating network*, u jirrizulta li l-attrici kienet tellghet diversi ritratti taghha fuq dan is-sit, oltre li wriet li hija disponibbli biex tiltaqa' ma' persuni u taghmel hbieb godda.

Il-Qorti ma rriskontrat l-ebda ritratt fost dawk kollha in atti, li jaghti x'jifhem li l-attrici hija jew kienet jew agixxiet xi darba b'mod li persuna onesta jista' jkollha l-fehma li ghandha titqies bhala r-rapprezentant fil-Parlament tal-prostituti u *call-girls*. Huwa minnu illi uhud mir-ritratti juru lill-attrici tippoza u anke tizfen, izda ghajr ghal ritratt wiehed ippubblikat fuq il-blog ta' Daphne Caruana Galizia tas-27 ta' Marzu 2017, ma hemm ebda ritratt tal-attrici li jista' jitqies li huwa suggestiv jew provokanti u f'kull kaz, ebda wiehed minn dawn ir-ritratti ma jista' jsawwar f'persuna onesta dik l-opinjoni li giet espressa mill-konvenut. Fis-

[14] Senjatament Dok. 299/01 – Pakkett A – blog ta' Daphne Caruana Galizia tat-12 ta' Marzu 2012.
[15] Dan gie anke rikonoxxut minn Daphne Caurana Galizia stess fuq il-blog taghha tat-12 ta' Marzu 2012Dok. 299/01 – Pakkett A.
[16] Xhieda tat-23 ta' Mejju 2019 – fol. 51.

socjeta` tal-lum fejn l-uzu tas-siti elettronici socjali bhala pjattaforma u mezz ta' komunikazzjoni, huwa prattikament *modus vivendi*, l-ezistenza ta' profil fuq sit socjali u edukattiv fejn persuna setghet tellghet diversi ritratti taghha nnifisha, ftit li xejn tista' titqies li tipprovdi bazi soda fattwali ghal dikjarazzjoni pezanti bhal dik tal-konvenut, fejn attribwixxa lill-attrici r-rwol ta' rapprezentant fil-Parlament ta' "*prostitutes and call girls*".

B'zieda mal-premess, il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi ghas-success tad-difiza tal-opinjoni onesta is-subinciz (b) tal-Artikolu 4(2), l-Att jehtieg li fid-dikjarazzjoni impunjata ssir referenza generika jew specifika ghall-bazi tal-opinjoni. **Madanakollu, fid-dikjarazzjoni tal-konvenut, ma hemm ebda referenza kwalsiasi ghar-ritratti u l-profili socjali tal-attrici li skont il-konvenut jiggustifikaw l-opinjoni tieghu dwar ir-rwol rapprezentattiv tal-attrici fil-Parlament ta' *call girls* u prostituti**. Konsegwentement, galadarba din il-bazi tal-opinjoni ma gietx indikata la b'mod generali u wisq anqas b'mod specifiku fl-istqarrija tal-konvenut, isegwi illi t-tieni rekwizit skont is-subinciz (b) tal-Artikolu 4(2), ma giex sodisfatt lanqas kwantu ghar-ritratti u siti elettronici li ghamel referenza ghalihom il-konvenut fix-xhieda tieghu. Jigi ribadit illi lanqas l-episodju tal-Gozo Channel ma jista' jservi bhala bazi tajba ghal din il-fehma tal-konvenut.

Huwa minnu li, kif xehed il-konvenut, l-attrici kienet tat intervista f'Awwissu 2017 lill-gurnalist Raphael Vassallo fejn tkellmet dwar l-impenn taghha favur ir-regolarizzazzjoni tal-prostituzzjoni f'Malta. Dan l-attrici taffermah, izda tichad illi sakemm gie mtella' l-post tal-konvenut, is-soggett tar-regolarizzazzjoni tal-prostituzzjoni kien gie diksuss fil-Parlament. **Madanakollu, il-Qorti tosserva illi fi kwalsiasi kaz, din l-intervista, jekk skont il-konvenut hija l-bazi tal-kumment tieghu in dizamina, ma saret ebda referenza ghaliha fid-dikarazzjoni tal-opinjoni tieghu**. Konsegwentement, galadarba evidentement, din il-bazi tal-opinjoni ma gietx indikata la b'mod generali u wisq anqas b'mod

specifiku fl-istqarrija tal-konvenut, id-difiza invokata mill-konvenut tfalli anke minn din il-perspettiva abbazi tas-subinciz (b) tal-Artikolu 4(2) tal-Att.

Ikkunsidrat;

Fil-gabra tal-kunsiderazzjonijiet maghmula, il-Qorti tqis illi l-konvenut mhux talli ma ressaqx provi sufficjenti biex juri l-ezistenza ta' bazi fattwali soda ghad-dikjarazzjoni tal-opinjoni tieghu li l-attrici tirrapprezenta fil-Parlament "*prostitutes and call girls*", talli lanqas inrnexxielu juri illi d-difiza tieghu tissodisfa r-rekwiziti kollha biex titiqes bhala opinjoni onesta.

Ghaldaqstant, l-eccezzjoni tal-konvenut kif ibbazata fuq id-difiza tal-kumment gust ossia opinjoni onesta, m'hijiex tajba u ser tigi respinta.

Ikkunsidrat;

Madanakollu, fi kwalsiasi kaz u irrispettivament mis-success o meno tal-eccezzjoni tal-kumment gust, il-Qorti ma tistax tonqos milli tassoggetta l-pretensjoni tal-attrici li dan il-kumment huwa diffamatorju, ghat-test mandatorju impost mill-Att fl-Artikolu 3(4). Dan jistipola illi stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba.

Dan ir-rekwizit ta' hsara serja jew potenzjal ghal hsara serja, introdott ghall-ewwel darba permezz tal-ligi l-gdida fil-Kap. 579, jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruz u impenjattiv ghas-success ta' azzjonijiet ghal malafama. Dan il-kriterju m'huwiex marbut mal-*quantum* tad-danni likwidabbli f'kaz li l-istqarrija titqies li hija malafamanti, izda huwa relevanti unikament sabiex jigi determinat jekk l-istqarrija impunjata ghandhiex titqies bhala diffamatorja jew le ghall-finijiet tal-Att.

Il-Qorti, riferibbilment ghad-dikjarazzjoni tal-konvenut li l-attrici tirrapprezenta "*HAMALLI"* fil-Parlament, tosserva li fl-isfera politika Maltija, il-klassi jew standard socjali tal-politikant huwa ftit jew wisq irrelevanti ghall-finijiet tar-reputazzjoni politika tieghu, ghaliex ir-reputazzjoni politika hija kalibrata mill-isforzi tal-politikant li jifhem, jahdem u jirrapprezenta attivament l-interessi tal-grupp politiku jew socjali li jappoggjah. Ghalkemm, kif inghad, l-espressjoni "HAMALLI" uzata mill-konvenut hija ftit jew wisq vulgari, din ma attribwiet l-ebda nuqqas ta' kapacita` jew kompetenza lill-attrici fir-rwol politiku jew professjonali taghha. Ghaldaqstant il-Qorti ma tirravvizax fl-espressjoni tal-fehma tal-konvenut li l-attrici tirrapprezenta l-hamalli fil-Parlament, il-possibbilita` ta' xi hsara serja lir-reputazzjoni tal-attrici. **F'kull kaz, il-Qorti diga` ddikjarat li din l-espressjoni m'hijiex diffamatorja fil-konfront tal-attrici**.

Kwantu ghall-implikazzjoni illi l-attrici tirrapprezenta **prostituti u *call girls*** fil-Parlament, il-Qorti tifhem illi meta wiehed jghid espressament jew jimplika li persuna, tkun min tkun, hija prostituta, jew jiddeskrivi lil xi hadd bhala tali, din hija imputazzjoni serja li timpingi fuq l-integrita` tar-reputazzjoni ta' dik il-persuna u twaqqaghlha giehha. Tosserva wkoll illi ghalkemm hawnhekk il-konvenut mhuwiex qieghed jimputa lill-attrici b'mod dirett, fatt konsistenti fil-kondotta specifika ta' prostituta jew *call-girl*, qieghed jesprimi il-fehma tieghu li l-attrici, **minhabba xi imgieba partikolari taghha**, jixirqilha r-rwol ta' rapprezentant fil-Parlament tal-prostituti u "*call girls*".

In propositu jintqal hekk:-

"*Proof that serious harm to reputation has actually occurred will obviously suffice but the claimant need only prove that such harm was likely. The harm need not manifest itself in financial terms, though it may do so: serious harm for the purposes of this provision may also be established by proof that the effect of the libel was to cause others to shun the claimant, or that **the claimant was caused serious injury to feelings, distress, hurt and/or humiliation***." [enfasi tal-Qorti]

Il-Qorti tqis illi ghalkemm l-espressjoni ta' din l-opinjoni m'hijiex wahda onesta, u ghalkemm il-kumment sar iktar b'ton ironiku milli b'serjeta` assoluta u ma attribwixxa l-ebda nuqqas ta' kapacita` jew kompetenza lill-attrici fir-rwol politiku jew professjonali taghha, **fiha nnifisha hija ta' kalibru li hija kapaci tikkawza hsara serja lir-reputazzjoni tal-attrici**.

B'zieda ma' dan, wara li semghet ix-xhieda, il-Qorti hija sodisfatta illi din id-dikjarazzjoni partikolari tal-konvenut hija kapaci li ggieghlha thossha umiljata. Huwa minnu li l-attrici hija persuna li ilha attiva fil-politika ghal diversi snin u ghalhekk, kif diga` stabbilit, tinsab inevitabbilment u b'mod regolari fil-mira ta' kritika, skrutinju u wkoll provokazzjoni mill-gurnalisti, kif ukoll mill-pubbliku in generali, b'rabta mar-rwol politiku taghha. Huwa minn wkoll illi, kif rajna, il-limiti ta' kritika accettabbli huma ferm iktar wiesa' kwantu ghall-persuna politika li, konsegwentement, hija mistennija li turi iktar tolleranza ghall-kritika u espressjonijiet ta' opninjoni li jsiru fil-konfront taghha, izda l-espressjoni tal-konvenut li l-attrici hija rapprezentattiva – fil-Parlament - tal-prostituti u *call-girls*, issarraf fi tmaqdir li jezawtora l-limiti ta' kritika accettabbli u ma ghandu x'jaqsam xejn mal-episodju li huwa fil-mira tal-post imtella' mill-konvenut, mertu ta' din il-kawza.

Skont il-Gatley[17]:-

"*Whether the threshold of seriousness has been met is a multi-factorial issue .... that will require the court to consider matters such as the nature and inherent gravity of the allegation, whether the publication was oral or written, the status and number of publishees and whether the allegations were believed, the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed and the transcience of the publication.*"

Ghall-fini tad-danni li ghandhom jigu likwidati, il-Qorti qieset fil-kaz in dizamina, jirrizulta illi din l-espressjoni ta' opinjoni saret mhux minn gurnalist, minn espert fil-qasam politiku jew minn xi persuna maghrufa, izda mill-

[17] Gatley on Libel and Slander, 2.4, pg. 39.

konvenut. Il-Qorti fehmet li l-konvenut huwa persuna ordinarja, u tella' dan il-kumment fuq il-pagna tal-midja socjali tieghu stess u mhux, per ezempju, fuq xi gazzetta lokali jew *medium* iehor ikkontrollat minn impriza li tippubblika midja miktuba, jew b'xi prominenza fuq xi xandir televiziv. Fil-qies ta' dan kollu, u fic-cirkostanzi, anke fejn l-enfasi tal-kliem tal-konvenut mhijiex fuq il-kliem "*prostitutes and call girls*" izda fuq il-kelma "HAMALLI", hija tal-fehma li l-quantum tad-danni likwidat m'ghandux ikun wiehed sostanzjali.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss safejn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz:-**

1. **Tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-uzu tal-kliem "*<u>prostitutes and call girls</u>*" fil-konfront tal-attrici fl-istqarrija ppublikata mill-konvenut fl-20 ta' Novembru 2018, billi tiddikjara li l-uzu ta' dan il-kliem huwa malafamanti fil-konfront tal-attrici;**
2. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tliet mitt Euro (€300) f'danni morali.**

**Ghall-finijiet tal-Artikolu 14 tal-Kapitolu 579, tordna lill-konvenut inehhi l-imsemmija kliem malafamanti minn fuq il-pagna tas-sit elettroniku minnu kontrollat, fi zmien jumejn mil-lum.**

**L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**